

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 27



## Kont Taf ?



li nhar is-16 t'Ottubru, 2002, 24 sena eżatt mill-ħatra tal-Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-Enċiklika Rosarium Virginis Mariae, il-Papa żied il-5 Misteri Tad-Dawl mar-Rużarju ?
Għal sekli sħaħ ir-Rużarju kellu 15-il-Misteru: Tal-Ferħ, Tat-Tbatija u Tal-Glorja. Bil-Misteri tad-Dawl, imtela l-vojt bejn Ġesù tfajjel ta' 12-il sena u Ġesù ragel ta' 33 sena fil-Passjoni.
Kont taf, li Saċerdot mill-Gżira ta' Malta kien ġa ppropona l-Misteri tad-Dawl sa mis-sena 1957. San Ġorġ Preca ddikkjarat Beatu mill-istess Papa s-sena ta' qabel kien dan is-saċerdot.

U nħolqot il-mistoqsija? Kif il-Papa sar jaf b'dawn il-Misteri Tad-Dawl ta' Dun Ġorġ Preca? Jew forsi ma kien jaf bihom xejn u kien l-Ispirtu s-Santu li nebbaħ lit-tnejn b'din l-ispirazzjoni?

Padre Francesco Bamonte, eżorċista Taljan, jistqarr li f'waħda mis-sessjonijiet ta' eżorċiżmu x-xitan kien wera rabja kbira għal dawn il-Misteri tad-Dawl. Mistoqsi għaliex mill-eżorċista, x-xitan stqarr għax dawn ikomplu jfakkruhom fil-ġid kbir li Ġesù wettaq fil-ministeru pastorali u salvifiku tiegħu għalina u dan ikidd bil-kbir lix-xitan.



**Mit-talb kollu r-Rużarju huwa l-isbaħ u l-aktar għani fil-grazzji .. ħobbu r-Rużarju u irreċitawħ kuljum bid-devozjoni**
San Piju X, Papa

**Qatt ħadd li jgħid ir-Rużarju tiegħu ta' kuljum ma jintilef. Din hija stqarrija li bil-qalb kollha lest niffirmaha b'demmi stess.**
San Alwiġi M Grignon de Montfort

**Jekk tridu l-paċi f'qalbkom, fi djarkom, f'pajjiżkom, inġabru kull filgħaxija tirreċitaw ir-Rużarju. Tħallux imqar jum wieħed jgħaddi bla tgħiduh, tkunu kemm tkunu mtaqqlin bi ħsibijiet u xogħol.**

Piju XI, Papa